MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2013

Numru. 674/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**MAURELLE BALDACCHINO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Maurelle Baldacchino ta' 25 sena bint Carmel/late u Veronica xebba Mallia, imwielda l-Pieta' nhar l-5 ta' Dicembru/1987, u residenti 24 Avec Toi, Triq il-Molletta, Swieqi, detentrici tal-karta ta' l-identita numru: 551287(M).

Giet akkuzata li fid-data ta' 3 ta' Lulju 2013, fil-hinijiet ta' filghodu minn gewwa l-ufficini tal-AWAS sitwati gewwa Belt is-Sebh fil-Furjana, ikkommettiet serq ikwalifikat bil-

persuna, u dan ghad detriment ta’ Emmanuel Micallef u Charmain Sciortino bi ksur tal-artikolu 261(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. GS3 u nnutat li l-imputata Maurelle Baldacchino m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li da parti tal-imputata kien hemm kooperazzjoni assoluta mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(d), 268 u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Maurelle Baldacchino, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata, li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li da parti tal-imputata kien hemm kooperazzjoni assoluta mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputata Maurelle Baldacchino taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Maurelle Baldacchino l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------